MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 314/2008

**Marie Louise Perici Calascione**
**ID-747556(M)**

**vs**

**Joseph Perici Calascione**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici ddikjarat illi ai termini tal-kuntratt ta’ separazzjoni tal-10 ta’ Lulju, 2003 fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella l-konvenut huwa obbligat ihallas manteniment ta’ tlettin Lira Maltin (Lm30) mensili lill-attrici u sitta u sittin Lira Maltin (Lm66) kull wiehed mill-minuri u nofs l-ispejjez edukattivi; Premess illi l-esponenti naqas milli jissomministra kwalunkwe manteniment lill-esponenti jew lill-minuri ghall-perjodu ta’ bejn Gunju 2004 sa Dicembru, 2004 Jannar, 2005 sa Novembru 2005, x-xahar ta’ Jannar 2006 u x-xhur ta’ Gunju 2007 u Awissu

2007 u naqas milli johrog sehemu mill-ispejjez edukattivi fl-ahhar tnax-il xahar. Ghaldaqstant l-attrici titlob li l-intimat jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' tliet t'elef erbgha mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06c) f'arretrati ta' manteniment u hlas ta' spejjez edukattivi.

Bl-ispejjez tal-prezenti u l-ittra ufficjali tas-27 ta' Novembru, 2007. Bl-imghax legali.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi ma jirrizultax lill-esponenti li ghandu jaghti xi flus kif allegat mill-attrici; illi l-esponenti jidhirlu li huwa hallas iktar minn dak li kellu jhallas tul is-snin, u ghalhekk m'ghandux jirrizulta li huwa debitur tal-attrici.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra s-sentenza li nghatat minn dan it-Tribunal fil-15 ta' Jannar, 2009, liema sentenza giet mhassra u annullata permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Dicembru, 2009.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attrici qed titlob illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-istess attrici s-somma ta' tliet t'elef erbgha mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06c), rapprezentanti bilanc minn somma akbar, ta' manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici li akkumulaw fuq medda ta' madwar tliet snin. Illi l-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici gie stabbilit u miftiehem bejn il-partijiet in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 10 ta' Lulju, 2003 in atti Nutar Dr Nicholas Vella, u l-klawsola applikabbli hija 2(v) tal-istess att. Illi l-attrici, permezz tal-affidavit taghha, ddikjarat liema huma dawk ix-xhur li taghhom hi qed titlob il-hlas, f'liema xhur il-konvenut hallas parti mill-manteniment dovut, u f'okkazjonijiet ohra, xejn. Illi l-istess attrici ddikjarat illi l-ammont li huwa effettivament dovut

mill-konvenut jeccedi l-ammont li jaqa' fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal, izda hi qed tillimita t-talba taghha ghall-ammont ta' tliet t'elef erbgha mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€ 3,494.06c). L-istess attrici ddikjarat ulterjorment illi ghalkemm fl-avviz tat-talba hija ddikjarat li qed titlob ukoll minghand il-konvenut l-ispejjez konnessi mal-edukazzjoni tal-ulied, waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u aktar precizament fl-ahhar paragrafu tal-affidavit taghha, hi ddikjarat illi kienet qed tillimita t-talba taghha ghall-hlas ta' arretrati ta' manteniment, filwaqt illi qed tirrizerva d-dritt taghha li tipproponi azzjoni separata ghall-hlas tal-ispejjez tal-edukazzjoni.

Illi da parti tieghu, il-konvenut qed jikkontendi illi ghalkemm kien hemm xi okkazjonijiet meta ma wettaqx hlas ta' manteniment, kien hemm okazzjonijiet ohra meta wettaq hlas f'ammont akbar minn dak dovut fix-xahar, u li ghalhekk tali ammonti zejda ghandhom jghamlu tajjeb ghal dawk l-okkazjonijiet meta ma sar ebda hlas. Illi oltre dan, il-konvenut jikkontendi illi wettaq diversi pagamenti – kemm direttament lil ulied il-partijiet kif ukoll lill-attrici – ghal affarijiet ohra relatati mal-istess ulied, li wkoll ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' ekwiparazzjoni mal-ammont dovut in linea ta' manteniment. Illi f'dan ir-rigward il-konvenutipprezenta diversi rendikonti dettaljati, li minnhom jirrizultaw il-pagamenti li hu wettaq, u fir-rigward ta' x'hix sar tali hlas.

Ikkunsidra,

Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet illi kien dovut hlas mensili ta' manteniment mill-konvenut lill-attrici fl-ammont kumplessiv ta' tlett mija u sebgha u sebghin Ewri u sitta u tlettin centezmu (€377.36c), ekwivalenti ghal mija u tnejn u sittin Lira Maltin (Lm162), u dan ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni personali konkluz bejniethom. Illi minn ezami analitiku u komparattiv tal-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta illi hemm qbil bejn il-kontendenti dwar il-hlas ta' manteniment li gie mwettaq mill-konvenut lill-attrici fil-perjodu mertu ta' din il-kawza, **salv** ghax-xahar ta' Mejju 2005, meta l-konvenut qed jikkontendi li wettaq hlas fl-ammont ta' disa' mija u wiehed u tlettin Ewro u hamsa u

sebghin centezmu (€931.75c), ekwivalenti ghal erba' mitt Lira Maltin (Lm400), kif ukoll hlas ta' tlett mija u sebgha u sebghin Ewro u sitta u tlettin centezmu (€377.36c), ekwivalenti ghal mija u tnejn u sittin Lira Maltin (Lm162), imwettaq fil-11 ta' Ottubru, 2007, liema hlas kellu jaghmel tajjeb ghall-pagament ta' manteniment li ma thallasx f'Awissu 2007.

Illi da parti taghha, l-attrici mhux qed tikkontesta li saru dawn il-hlasijiet. Illi daqstant iehor l-attrici mhux qed tikkontesta illi l-konvenut kien regolarment ihallas ammont akbar minn dak dovut, u dan generalment fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€25.62c), ekwivalenti ghal hdax-il Lra Maltin (Lm11[1]), u f'okkazjoni wahda fl-ammont ta' wiehed u erbghin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€41.93c), ekwivalenti ghal tmintax-il Lira Maltin (Lm18[2]), u f'okkazjoni wahda ohra fl-ammont ta' hamsa u sittin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€65.22c), ekwivalenti ghal tmienja u ghoxrin Lira Maltin (Lm28[3]), li fuq il-medda ta' zmien in kwistjoni, dawn il-hlasijiet zejda jammontaw kumplessivament ghal mitejn u sitta u tmenin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€ 286.51c), ekwivalenti ghal mija u tleita u ghoxrin Lira Maltin (Lm123).

Illi ghalhekk dan l-ammont, flimkien mal-pagamenti l-ohra hawn fuq riferiti, li l-konvenut hallas lill-attrici, u li hi ma hadithomx in konsiderazzjoni meta ghamlet il-kalkoli taghha, ghandhom jitnaqqsu minn kwalunkwe ammont li jista' jkun dovut lill-attrici in linea ta' hlas ta' arretrati ta' manteniment.

Illi jehtieg illi jigi inoltre stabbilit jekk l-ammonti l-ohra li thallsu mill-konvenut, u cioe' dawk il-hlasijiet rizultanti minn Dok. Z1 li jinsab a fol.86 tal-atti – bhal m'huma hlas ta' kotba minghand il-*Merlin Bookshop* u hlas ta' *school transport* ghal bint il-partijiet Candice, hlas ghal tiswija tal-

---

[1] Dan il-hlas zejjed fl-ammont ta' Lm 11 sar fix-xhur ta' Settembru 2006, Dicembru 2006, Jannar 2007, Mejju 2007, Settembru 2007, 11ta' Ottubru 2007 u 26 ta' Ottubru 2007.
[2] Dan il-hlas zejjed fl-ammont ta' Lm 18 sar fix-xahar ta' Frar 2007.
[3] Dan il-hlas zejjed fl-ammont ta' Lm 28 sar fix-xahar ta' Lulju 2007.

magna ta' vettura misjuqa minn iben il-partijiet Jeremy, kif ukoll spejjez ohra relatati mal-mutur misjuq mill-istess Jeremy, kif ukoll spejjez ta' hwejjeg ghall-istess wild, fost spejjez ohra li ntefqu mill-konvenut in konnessjoni ma' tliet (3) ulied il-partijiet – ghandhomx jigu mnaqqsa mill-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghaliha u ghal uliedhom.

Illi ai termini tal-Artikolu 19 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; "(1) Fil-manteniment jidhlu l-ikel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni. (2) Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu wkoll l-ispejjez mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom." Illi l-insenjament tal-Qrati taghna dejjem kien illi meta jirrizulta obbligu ta' parti li tissomministra retta alimentari lill-parti l-ohra, kemm jekk tali obbligu jirrizulta "ex contractu" jew "ex lege", allura tali obbligu ghandu jigi rispettat u osservat. Illi gie ritenut ukoll illi; "*...l-vinkoli li jorbtu l-genituri ma' wliedhom jimpurtaw il-prestazzjoni ta' dawk il-principji u ufficji ta' umanita' li l-ligijiet civili in generali biddlu, jew ahjar imprimew fuqhom obligazzjoni perfetta. Huwa ghalhekk li jinghad unanimament mill-kulturi tax-xjenza civili li l-alimenti (u din il-kelma ghandha tigi ntiza fis-sens guridiku skond l-art. 26 Kap 23, u mhux volgari biss) huma dovuti mhux biss b'disposizzjoni tal-ligi pozittiva, imma anki mid-dritt tan-natura. Il-ligi civili taghna tafferma dan il-principju fl-art. 14 u taccentwah fl-art. 19 tal-istess Kodici, fejn huwa stabbilit l-ordni li fih jitqieghdu l-persuni taht dmir ta' manteniment. .... fejn hemm obbligu legali ma jistax jinghad li hemm donazzjoni. Dan l-obbligu jestendi ruhu ghat-tfal maggjorenni li jibqghu fid-dar bil-kunsens patern u meta ma jkunux jahdmu, ammenokke' ma jkunx hemm xi patt "in contrario". Jekk imbaghad it-tfal maggjorenni jkunu jahdmu ghal rashom, imma jabitaw fid-dar paterna, u l-missier jibqa' jmantnihom minn flusu bla ebda patt, dawk l-alimenti jsiru vera u proprja liberalita' maghmula mill-missier u accettata minn dawk it-tfal, u l-istess ma jistghux jintraddu lura f'nuqqas ta' patt.*"[4]

[4] Carmelo Sapiano vs Dolores sive Doris Abela et (Prim' Awla tal-Qorti Civili) deciza fil-11 ta' Marzu 1959

Illi applikat dan l-insenjament ghall-kaz in ezami, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-hlas li sar mill-konvenut fir-rigward ta’ spejjez li kellhom it-tfal, u cioe’ dawk l-ispejjez li ma kienux direttament konnessi mal-ghejxien u trobbija taghhom, huma forma ta’ “liberalita’” li saret mill-konvenut – fil-kwalita’ tieghu ta’ missier – lil uliedu, u li ghalhekk dawn kienu forma ta’ donazzjoni, jew assistenza moghtija direttament lit-tfal, u li ma ghandhomx jitqiesu bhala parti mill-manteniment li hu liberament u xjentement, permezz tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali, intrabat li jhallas lill-attrici bhala ghajnuna finanzjarja ghaliha u bhala l-kontribut finanzjarju tieghu versu t-trobbija ta’ uliedhom.

Illi ghalhekk qed jigi deciz illi filwaqt illi l-ammonti mhallsa zejda mill-konvenut lill-attrici ghandhom jinqatghu mis-somma mitluba minnha, madanakollu, m’ghandhomx jitnaqqsu wkoll dawk il-hlasijiet li gew imwettqa mill-konvenut versu spejjez personali u individwali li kellhom ulied il-partijiet, u wisq aktar ghall-oggett li l-attrici setghet zammet fil-pussess taghha meta misluf lilha mill-konvenut, u hawn qed issir referenza ghall-*hostess trolley* u li ghalih il-konvenut arbitrarjament attribwixxa valur li ma gie bl-ebda mod sostanzjat u gustifikat.

Illi ghalhekk, u gialadarba l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghall-perjodu in kwistjoni kien jammonta ghal  erba’ t’elef mija u wiehed u sebghin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€4,171.91c), ekwivalenti ghal elf seba’ mija u wiehed u erbghin Lira Maltin (Lm1,741), li madanakollu, dan gie ridott xjentement u deliberatament mill-attrici ghall-ammont ta’ tliet t’elef erbgha mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06c), ekwivalenti ghal elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500), sabiex tali ammont ikun jinkwadra ruhu fil-kompetenza ta’ dan it-Tribunal, allura jehtieg illi minn dan l-ammont tal-ahhar jitnaqqsu dawk iz-zewg pagamenti li saru mill-konvenut, u li m’humiex ikkontestati mill-attrici, u cioe’ disa’ mija u wiehed u tlettin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€931.75c), ekwivalenti ghal erba’ mitt Lira Maltin (Lm 400) u tlett mija u sebgha u sebghin Ewro u sitta u tlettin centezmu (€377.36c), ekwivalenti ghal mija u sitta u sittin Lira Maltin (Lm166), kif ukoll il-hlas zejjed li

sar progressivament u li jammonta ghal mittejn u sitta u tmenin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€286.51c), ekwivalenti ghal mija u tlieta u ghoxrin Lira Maltin (Lm123), u liema hlasijiet lkoll kumplessivament jammontaw ghal elf hames mija u hamsa u disghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,595.62c). Illi gialadarba l-attrici rrimettiet ruhha ghall-kompetenza ta’ dan it-Tribunal, allura necessarjament huwa tenut illi jiehu biss in konsiderazzjoni l-ammont massimu li jista’ jigi likwidat minnu. Illi ghalhekk imnaqqas dan l-ammont ta’ ghal elf hames mija u hamsa u disghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,595.62c) mis-somma ta’ tliet t’elef erba’ mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06c), jibqa’ bilanc dovut ta’ elf u tmien mija u tmienja u disghin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€1,898.44c).

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa’ *in parte* t-talba tal-attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ elf tmien mija tmienja u disghin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€1,898.44c), bl-imghax mid-data ta’ meta l-konvenut gie notifikat bl-azzjoni odjerna.

Bl-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------